# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# Decizjoni Numru 2177

**Kaz Numru 2785 ADeG**

**Fil-kwistjoni tax-xoghol**

**bejn**

**Nigel Dunkerley ID 594977M**

**u**

**European Pilot Academy Limited (C35885) u ghal kull interess li jista' jkollha Falcon Aviation Company Limited Company Limited (C25178)**

**dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ingusta**

**Chairman: Is-Sur Antoine DeGiovanni**

**Illum l-Erbgha 3 ta' Ottubru 2012**

## 1. Riferenza

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali permezz ta' nota pprezentata fir-Registru tal-Qorti Superjuri nhar it-30 ta' April 2010.

## 2. Rapprezentanza

2.1 Nigel Dunkerley, li minn issa 'l quddiem ser jissejjah ir-rikorrent, kien meghjun mill-Avukat Andrew Borg Cardona.

2.2 Il-kumpanija European Pilot Academy Limited (C35885) u ghal kull interess li jista' jkollhom Falcon Aviation Company Limited (C25178), li minn issa 'l quddiem ser jissejhu il-kumpaniji intimati, kienu rrapprezentati mill-Kaptan Ray Zarb u minn martu Sarah Zarb, u meghjuna mill-Avukata Lorna Mifsud Cachia.

2.3 Matul l-ewwel seduta l-partijiet qablu li din il-kwistjoni tax-xoghol hija bejn Nigel Dunkerley u l-European Pilot Academy Limited, u ghalhekk il-kumpanija Falcon Aviation Company Limited mhix parti mill-kaz.

## 3. Fatti tal-kaz fil-qosor

Ir-rikorrent beda fl-impieg mal-kumpanija European Flight Academy Company Limited fil-kariga ta' *Flight Instructor* nhar l-01.06.01 fuq kuntratt *whole-time* ghal zmien fiss ta' tliet snin. Il-kuntratt tal-impieg jaghti t-tifsira tal-kelma "Company" bhala *"the partnership styled European Flight Academy Company Limited and all such Companies engaged in providing services of a similar ancilliary to those provided by the European Flight Academy Company Limited., and in which the partners of the said* ***company*** *have or may in the future have a major interest".*

Fl-01.07.04 beda jahdem fl-istess kariga mal-kumpanija Falcon Aviation Company Limited sal-31.05.05. Nhar l-01.06.05 intemm l-impieg minn mal-kumpanija Falcon Aviation Company Limited u rega' beda fl-impieg fl-istess kariga ta' *Flight Instructo*r mal-European Pilot Academy Limited. Nhar l-01.01.07 il-kumpanija European Pilot Academy Limited inghatat ic-certifikat maghruf bhala *Certificate of Approval* bhala *Flight Training Organisation* biex tkun tista' tghallem it-teorija biss, u r-rikorrent, fil-waqt li nghata l-kariga ta' *Deputy Head of Training,* kompla jaghti s-servizzi tieghu bhala *Flight Instructor* lill-Falcon Aviation Company Limited. Nhar l-1.01.07 inhatar *Deputy Head of Training,* u kompla wkoll bix-xoghol ta' *Flight Instructor.* Sena wara r-rikorrent inhatar *Head of Training* mal-European Flight Academy Company Limited u kompla wkoll jaghmel ix-xoghol ta' *Flight Instructor* mal-Falcon Aviation Company Limited. Nhar it-23.02.10 ir-rikorrent irrizenja mill-kariga ta' *Head of Training* minn mal-European Flight Academy Company Limited u stqarr li ried ikompli fix-xoghol ta' *Flight Instructor* mal-kumpanija European Flight Academy Company Limited. Nhar it-28.02.10, il-kumpanija Falcon Alliance Group, fuq *letter-head* tal-European Flight Academy Malta wiegbet lir-rikorrent li kienet qieghda tilqa' r-rizenja tieghu mill-impieg.

## 4. Lista tax-xhieda

4.1 Emanuel Attard, il-Kaptan Ray Zarb, u Sarah Zarb xehdu ghall-kumpanija intimata.

4.2 Ir-rikorrent xehed ghalih innifsu.

## 5. Lista ta' dokumenti

5.1 Ir-rikorrent esebixxa d-dikjarazzjoni tal-kaz datata 26.05.10 konsistenti f'seba' pagni li tinkludi sitt dokumenti mmarkati, Dok. ND 1 sa Dok. ND6.

5.2 Il-kumpaniji intimati esebew:

5.2.1 zewg dikjarazzjonjiet tal-kaz; wahda minghand Falcon Aviation Company Limited datata 26.05.10 konsistenti f'erba' pagni li jinkludu dokument immarkat FAC1, u dikjarazzjoni ohra minghand European Pilot Academy Limited konsistenti fi hmistax -il pagna li jinkludu tmien dokumenti mmarkati, Dok. EPA 1 sa Dok. EPA 8.

## 6. Gabra fil-qosor tax-xhieda

6.1 **Emanuel Attard,** impjegat fil-kariga ta' *Head-Personal Licensing* mad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili, stqarr li d-dokument immarkat Dok. EPA3 huwa certifikat ta' approvazzjoni biex il-kumpanija intimata tkun tista' topera bhala skola ghat-tahrig ta' Piloti. F'dan il-kaz ir-rikorrent huwa msemmi bhala persuna kwalifikata w approvata biex taghti t-tahrig imsemmi. Ix-xhud ikkonferma li kien ircieva kopja tad-dokument immarkat Dok. EPA 4 li fih miktub li r-rikorrent kien qieghed jirrizenja mill-kariga ta' *Head of Training* li ghaliha kien approvat. Wara r-rizenja tar-rikorrent il-kumpanija setghet tkompli biss bit-tahrig tal-Piloti ghaliex Anatol Vella Gera inhatar fil-kariga kongunta ta' *Head of Training* u *Chief Ground Instructor*.

6.2 **Nigel Dunkerly,** ir-rikorrent, stqarr li nhar l-01.06.01 beda fl-impieg mal-kumpanija European Flight Academy Company Limited fil-kariga ta' *Flight Instructor* fuq kuntratt ghal tliet snin fuq bazi *whole-time*. Meta gie fi tmiemu dan il-kuntratt, huwa kompla fl-impieg fl-istess kariga bl-istess kundizzjonijiet mal-kumpanija intimata Falcon Aviation Company Limited ghal zmien indefinit. Nhar l-01.06.05 beda fl-impieg mal-kumpanija European Pilot Academy Limited u kompla fix-xoghol ta' *Flight Instructor* ghall-bzonnijiet tal-kumpanija Falcon Aviation Company Limited sal-ahhar jum tal-impieg tieghu. Nhar l-01.07.07 il-kumpanija European Pilot Academy Limited inghatat il-licenzja ta' *Flight Training Organisation,* u ghalkemm huwa nhatar fil-kariga ta' *Deputy Head of Training,* kompla bl-istess kundizzjonijiet li kellu ta' *Flight Instructor*. Nhar l-01.01.08 inhatar *Head of Training* mal-kumpanija European Pilot Academy Limited fil-waqt li kompla jaghmel ix-xoghol ta' *Flight Instructor* ghall-kumpanija Falcon Aviation Company Limited bl-istess kundizzjonijiet. Ir-rikorrent spjega li l-istess regolamenti kienu jaghmlu l-hatra tieghu fil-kariga ta' *Head of Training* insostenibbli, ghaliex ma kellux il-kwalifika mehtiega, u konsegwentement kien ikkonkluda li l-hatra kienet ghal zmien temporanju. F'dan l-istadju ntebah li kien qieghed jaghmel hafna xoghol tal-kariga gdida ghas-skapitu ta' dak ta' *Flight Instructor* mal-kumpanija Falcon Aviation Company Limited. Minhabba li l-paga tieghu

kienet parzjalment maghmula minn hlas addizzjonali li kien jircievi bazat fuq xoghol ta' titjir li kien jaghmel mal-Falcon Aviation Company Limited, kien ghamel talba lill-kumpanija European Pilot Academy Limited biex izzidu fil-paga biex jaghmel tajjeb ghat-tnaqqis li kien qieghed isofri. It-talba tieghu ma ntlaqghetx. Ir-rikorrent cahad li l-konkorrenza ghal tahrig fit-titjir kienet naqset. Kulma naqas kien biss il-hin tieghu li seta' jiddedika ghal tahrig ta' titjir, u dan ghaliex zdied il-hin tieghu ghal xoghol amministrattiv relatat mal-kariga tieghu ta' *Head of Training*. F'dan l-istadju kien gharraf lil Sarah Zarb li kien fi hsiebu jirrizenja, izda li jekk jikkonkludi hekk kien jaghti bizzejjed avviz biex jinstab sostitut. Nhar is-26.02.10 il-kumpanija European Pilot Academy Limited temmitlu l-impieg, inkluz ix-xoghol li kien jaghmel mal-kumpanija Falcon Aviation Company Limited. Wara li ntemmlu l-impieg, ir-rikorrent hadem *part-time* u f'Jannar 2011 inghata kuntratt ghal zmien definit ta' tliet xhur mal-Awtorita' Maltija ghat-Trasport.

6.3 **Il-Kaptan Ray Zarb**, impjegat fil-kariga ta' Direttur Manigerjali mal-kumpanija intimata, stqarr li wara li l-kumpanija Falcon Aviation Company Limited, li maghha r-rikorrent kien impjegat fil-kariga ta' *Flight Instructor,* waqqfet it-tahrig ghat-titjir ta' ajruplani privati, nhar l-01.06.05 il-kumpanija intimata offrietlu impieg fil-kariga ta' *Head of Training* bil-hsieb li l-istess kumpanija tapplika ghal-licenzja ta' *Training Organisation*. Ir-rikorrent kien jattendi ghal-laqghat kollha li kienu jsiru bejn rapprezentanti tal-kumpanija intimata u tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili biex tinkiseb il-licenzja rilevanti. Dan ifisser li r-rikorrent kien jaf sew x'tirrikjedi l-kariga ta' *Head of Training* fi hdan *Training Organisation* fejn jitharrgu Piloti li jtajru ajruplani tal-linji tal-ajru. Fil-frattemp, sakemm inhatar *Head of Training* ir-rikorrent kompla fil-kariga tieghu ta' *Flight Instructor* mal-Falcon Aviation Company Limited. Din il-licenzja nkisbet f'Jannar 2007 u r-rikorrent accetta l-hatra ta' *Head of Training* f'xi zmien fl-2008. Din il-hatra kienet mgharrfa lid-Direttur tal-Avjazzjoni Civili. Id-Direttur tal-Avjazzjoni Civili ghamel l-investigazzjoni rilevanti, laqa' l-applikazzjoni u rrilaxxja l-licenzja. Ix-xhud temm jghid li meta waslitlu l-ittra datata 23.02.10 minghand ir-rikorrent issorprenda ruhu. Kien aktar sorpriz meta waqt li kien qieghed jaqraha tela' fl-ufficcju impjegat tad-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili jistaqsih x'kienu c-cirkustanzi tal-kumpanija intimata fl-isfond tar-rizenja tal-persuna li kienet tokkupa l-kariga ta' *Head of Training*.

6.4 **Sarah Zarb**, impjegata fil-kariga ta' Direttrici tal-kumpanija intimata. stqarret li r-rikorrent kien beda fl-impieg fil-kariga ta' *Flight Instructor* u wara zmien meta l-kumpanija intimata kisbet il-licenzja ta' *Flight Training Organisation* inghata l-karigi ta' *Head of Training* u *Chief Ground Instructor*. Fi zmien l-ahhar sitt xhur tieghu fl-impieg kien jaghmel medja ta' 36 siegha fix-xahar bhala *Flight Instructor*. Ziedet tghid li ftit xhur qabel irrizenja, ir-rikorrent kien talab li jirdoppjalu s-

salarju, u meta kien mgharraf li t-talba ma setghetx tintlaqa' kien wieghed li jekk jiddeciedi li jirrizenja jaghti bizzejjed avviz biex jinstab sostitut. Ix-xhud temmet tghid li meta r-rikorrent inhatar fil-kariga ta' *Head of Training,* ebda parti ma ghamlet xi kundizzjonijiet.

## 7. Gabra fil-qosor tat-trattazzjonijiet

7.1 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukata Lorna Mifsud Cachia ghall-kumpanija intimata:

7.1.1 Stqarret li:

- Il-kumpanija intimata kellha tizviluppa x-xoghol taghha minhabba zviluppi fil-qasam tax-xoghol li fih kienet topera, u wkoll mihabba l-effetti tar-ricessjoni.

- L-izvilupp tal-kumpanija intimata kien jirrikjedi l-hatra ta' persuna fil-kariga ta' *Head of Training* li kienet offruta u accettata mir-rikorrent. Dan wassal ghall-approvazzjoni tal-applikazzjoni tal-kumpanija biex tikseb ghaliha l-hrug ta' licenzja bhala *Flight Training Organisation*. Dan kollu ghen biex isahhah is-sigurta' fl-impieg tar-rikorrent.

- Ir-rikorrent kien konxju mill-fatt li l-kariga gdida ta' *Head of Training* kienet ser izzid mhux bi ftit ix-xoghol amministrattiv, u fl-istess waqt kien konxju li x-xoghol ta' *Flight Instruction* kien naqas. Ir-rikorrent accetta l-kariga gdida u kien kuntent ghal xi zmien, izda wara xi zmien rega' bdielu.

- Il-kariga sostantiva tar-rikorrent kienet dik ta' *Head of Training,* u meta rrizenja l-Principal ma setax ma jikkonkludix li r-rizenja kienet wahda mill-impieg.

- Meta r-rikorrent ikkopja r-rizenja tieghu lid-Dipartiment tal-Avjazzjoni Civili kien jaf bil-konsegwenzi fuq il-kumpanija intimata.

7.1.2 Talbet biex fid-dawl ta' dan kollu t-Tribunal Industrijali jiddikjara li r-rikorrent kien irrizenja mill-impieg, u konsegwentement jichad it-talbiet tar-rikorrent.

7.2 Fit-trattazzjoni tal-kaz l-Avukat Andrew Borg Cardona f'isem ir-rikorrent:

7.2.1 Stqarr li:

- Meta nhar l-01.07.07 ir-rikorrent inhatar fil-kariga ta' *Deputy Head of Training* ma nghata ebda kuntratt gdid u kompla jaghti servizz ta' *Flight Instruction* mal-kumpanija precedenti bl-istess kundizzjonijiet li kellu qabel. L-istess gara nhar l-01.01.08 meta nhatar *Head of Training*.

- Ir-rizenja miktuba tar-rikorrent kienet cara fil-limitazzjoni taghha ghall-kariga ta' *Head of Training*.

- Il-kumpanija intimata, kuntrarju ghal dak li kien mistenni minn wahda serja, ma ghamlet ebda tentattiv biex issir taf u tifhem ir-raguni ghad-decizjoni tar-rikorrent, u dan bil-ghan li jekk ikun possibbli tirrimedja s-sitwazzjoni.

- Il-kumpanija intimata ghazlet li taghti t-tifsira taghha ghall-kontenut tal-ittra rilevanti, u agixxiet b'ghagla u minghajr ebda process investigattiv.

7.2.2 Talab lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li t-temma tal-impieg tar-rikorrent ma kinitx ghal raguni gusta u bizzejjed skond il-ligi, u konsegwentement ir-rikorrent ghandu jinghata kumpens xieraq.

## 8. Kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal Industrijali

8.1 Jirrizulta mill-provi li:

- Il-kuntratt tal-impieg datat 26.06.01 ghal zmien fiss ta' tliet snin, inbidel ghal wiehed ghal zmien minghajr terminu meta wara li skada z-zmien miftiehem, ir-rikorrent kompla fl-impieg minghajr ma nghata kuntratt iehor.

- It-tifsira tal-kelma *company* li tidher fil-kuntratt tippermetti t-trasferimenti kollha li saru biex ir-rikorrent jaghti s-servizzi tieghu lil kull kumpanija fil-Grupp li hadem maghhom bejn Gunju 2001 u Frar 2010.

- Ghalkemm ir-rikorrent beda fl-impieg fil-kariga ta' *Flight Instructor,* it-tibdil li sar fit-titolu tal-karigi li nghata, dik ta' *Deputy Head of Training* u *Head of Training* bejn is-sena 2001 u l-2010 sar wara l-accettazzjoni tieghu, u li r-rikorrent ikkunsidra bhala *big promotion.* Konsegwentement nhar l-01.01.07 il-kariga sostantiva tieghu inbidlet ghal dik ta' *Deputy Head of Training*. Sena wara u bl-accettazzjoni tar-rikorrent din regghet inbidlet ghal *Head of Training*.

- Fil-waqt li r-rikorrent kompla jaghti s-servizzi tieghu ta' *Flight Instruction* lill-kumpanija ohra b'medja ta' 55 siegha kull xahar, u jithallas flus addizzjonali, ix-xoghol l-iehor li kien jaghmel fil-kariga li kellu ta' *Head of Training* kien jokkupah ghal zewg terzi tal-hin kull gimgha. Dan kollu jsahhah dak li ga nkiteb li l-kariga sostantiva tieghu qabel it-temma tal-impieg kienet dik ta' *Head of Training*.

- Impjegat li jaccetta li jahdem inkundizzjonalment f'kariga sostantiva differenti minn dik li ghaliha jkun gie kuntrattat, ma jistax jiddeciedi unilateralment li jieqaf mill-qadi' tad-dmirijiet sostantivi tieghu minghajr konsegwenzi. Ghalkemm l-ittra datata 23.02.10 immarkata, Dok. EPA4 li baghat ir-rikorrent kienet tesprimi b'mod car li d-decizjoni tieghu li jirrizenja kienet biss mill-kariga sostantiva ta' *Head of Training,* minhabba l-kunsiderazzjonijiet precedenti li jidhru hawn fuq, din kienet tammonta ghall-rizenja mill-impieg.

**9. Decizjoni**

It-Tribunal Industrijali, wara li sema' x-xhieda tal-partijiet, u qara s-sottomissjonijiet evalwa x-xhieda u d-dokumenti kollha, kif ukoll ta kunsiderazzjoni tat-trattazzjoni tal-partijiet, jaqta' u jiddeciedi li t-temma tal-impjieg tar-rikorrent kienet b'rizultat ta' rizenja volontarja.

Ghall-fini ta' taxxa u drittijiet it-Tribunal Industrijali jiffissa s-somma ta' Tlieta u Disghin Ewro u Sbatax -il Centezmu (€93.17).

---

**A. DEGIOVANNI**
**Chairman**